**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA 30 ta' OTTUBRU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **5.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 5.1.1 | | Ma kienx hawn ittri ta'apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **5.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 5.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-raba' seduta. |
| | | |
| ***5.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 5.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima, qalet l-Kunsill reġa ġie mħeġġeġ biex jagħmel Clean up Day. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li l-Clean up issir viċin l-inħawi tal- head quarters tal-iscouts. Id-data ser tkun 9 ta' Novembru, 2019, fid-9:00am. |
| | | |
| 5.3.2 | | Is-Sindku qalet li ġiet ikkuntatjata minn Dr Chris Role biex jagħmel talk fuq mental health care. Kien hemm qbil li d-data tkun il-Ħamis 14 ta' Novembru, fis-sala tal-iskola. |
| | | |
| 5.3.3 | | Is-Sindku qalet li persuna miż-Żurrieq tixtieq tillonċja ktieb tat-tfal, li għamlet hi stess. Kien hemm qbil li d-data tkun 16 ta' Novembru, 2019. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Kaydem Schembri jieħu ħsieb din l-attivita'. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 5.3.4 | | Is-Sindku ssuġġeriet li jkun hawn magna fiż-Żurrieq li tiġbor il-flixken tal-plastik mafġin. Ma kienx hemm qbil.<br><br>Is-Sindku nfurmat li kull l-ewwel ħamis tax-xahar ser ikun hawn it-trakk 'sort it out' quddiem il-posta l-antika. |
| | | |
| 5.3.5 | | Is-Sindku qalet li fid- 29 ta' Novembru , grupp ċiniż ġej jagħmel attivita. Kien hemm qbil li l-ewwel nippruvaw li l-attivita'issir fil-Christmas Market ta' Bubaqra jekk ma jkunux jistgħu jagħmluha fit-30 ta'Novembru, l-attivita' issir fid-29 ta'Novemberu, fl-iskola. |
| | | |
| 5.3.6 | | Is-Sindku qalet li meta hi u l-Viċi Sindku marru Ċipru, ddeċidew li jorganizzaw mawra għaż-Żrieraq bejn 19ta' Marzu sat 22 ta' Marzu.<br>Il-Viċi Sindku avviċina aġenzija u tal-prezzijiet li offriet bħala grupp.<br>Kien hemm qbil li ssir din l-attivita u li jinħareġ poster u jibda l-booking tan-nies. |
| | | |
| | | |
| ***5.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 5.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li l-mitħna tal-qaret għandha bżonn manutenzjoni kbira u fiha hemm persuna anzjana, li toqgħod mingħajr affarijiet sanitarji, mingħajr sodda u kċina. Il-mitħna hi tad-dipartiment tal-artijiet. Kien hemm qbil li l-ewwel l-Kunsill jibda jgħin lill-anzjanal u wara meta jkun il-waqt jirrapporta lid-Dipartiment bil-manutenzjoni li hemm bżonn fil-mitħna.<br><br>Is-Sindku qalet li dan hu każ soċjali u hi lesta li tagħtiha l-għajnuna. Il-Viċi Sindku lest li jgħin ukoll.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser tiċċekja jekk il-persuna hix tgħix bil-permess fil-mitħna. |
| | | |
| 5.4.2 | | Il-kunsillier Kaydem Schembri ġibed l-attenzjoni fuq dawn il-punti:<br>• intalbet biex issir vending machine fejn il-kamra tal-bus stop li hemm f'Misraħ Mattia Preti. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq Sant Andrija k/m Vjal l-Indipendenza biex issir sleeping policeman. Kien hemm qbil li jintalab permess lill-TM.<br>• Biex tal-linja 71 tibda tgħaddi min-Nigret. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku qal li l-aħjar nagħmlu pressjoni fuq il-Ministru tat-Trasport biex iwaqqa' t-3 djar tan-Nigret biex titwessa Vjal l-Inidpendenza u tkun tista tgħaddi tal-linja ukoll.<br>• Fi Triq Sant Agata saru 4 parkeġġi tal-muturi. Talab biex minflok dawn l-erbgħa parkeġġi jsiru parkeġġ ta' vettura u ta' mutur. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Talab biex issir tinda f'kull entratura tal-iskola. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Fondazzjoni tal-Edukazjoni ta' għada biex tagħt il-għajnuna tagħha.<br>• Triq il-Wardija qed tkun kollha mimlija ilma għax it-triq imfarka. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu diġa niżżel din it-triq għall-attenzjoni tal-Infranstrucrue Malta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 5.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ġibdet l-attenzjoni biex lill-kuntrattur tal-iskart ma jibqax jipparkja l-iscammels fit-toroq. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 5.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato talbet dan li ġej:<br>• talbet biex issir tabella li tindika l-Mitħna tax-Xarolla, bl-emblema tal-mitħna - Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm bżonn biex jitneħħew il-palm fejn ta' Vjal il-Blue Grotto k/m Triq int u dieħel f'Tal Bebbux.<br>• Dawl tal-iskola juri 'l fuq u mhux fuq l-iskola<br>• Drenaġġ ħiereġ minn Vjal il-Blue Grotto k/m triq ġdida - ir-rapport sar diġa.<br>• Biex issir laqgħa Agrikola fiż-Żurrieq.<br>• Biex issir e parking fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li f'seduta oħra min ikollu xi idejat jitkellmu.<br>• Infurmat li l-iskip fi Vjal il-Blue Grotto viċin blokka bini ġdida, għadha fil-post mingħajr il-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mhux ser tirrilaxxa l-garanzija qabel ma jitħalsu l-permessi.<br><br>Kien hemm qbil fuq il-punti kollha msemmija.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li minn informazzjoni li għandha, l-applikazzjonijiet għal fondi fuq cat cafe, bdew jieġu evalwati. |
| | | |
| 5.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab dan li ġej:<br>• Biex issir rotta tal-linja miż-Żurrieq lejn Paola, fil-ħinijiet ta' filgħodu. Kien hemm qbil li ssir it-talba.<br>• Żewġ ħofor kbar fi Triq il-Barrieri fejn qed isir il-proġett.<br>• Tabelli tal-ġbir ta' skart tal-klieb jibdew jiġu ordnati bil-malti.<br>• Il-kunsill ingħata 75 siġra żgħira u tħawlu fil-ġnien tal-Ġibjun. Tali siġar tneħħew minn xi ħadd mhux magħruf u kull ma fadal xi 20 waħda. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li s-siġar li tħawlu kienu żgħar wisq u dawn setgħu ġew maqlugħa bil-maltemp.<br>• Ġie ssuġġeriet li tinkiteb stqarrija biex il-Kunsill jiddeplora l-att li qed jinqatlu l-qtates fi ġnien il-ġibjun. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hawn tip ta' velenu għall-bebbux li meta jittiekel mill-qtates, dawn imutu.<br>• Biex issir cctv fi ġnien il-ġibjun. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ser issir charging point fejn il-mitħna tax-Xarolla.<br>• Il-pjanti ta' fejn is-Salib ser jibda jieħu ħsiebhom hu. |
| | | |
| 5.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq dan li ġej:<br>• Biex titneħħa s-sleeping policeman imkissra fi Triq iċ-Ċombini u minflok issir tal-plastik.<br>• Is-Siġar fis-central strip ta' Triq Dun Ġużepp Zammit hemm bżonn li jinżabru sew u jitneħħew minn fejn hemm l-arbli bid-dawl. Hemm bżonn li meta jsir iż-żbir isir taħt is-sorveljanza tal-contract manager. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-ġemellaġġ ma' Pedara għadu ma ġiex iffirmat f'Malta, talab biex jitkellem f'isem il-kunsill fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-kunċert tal-Milied ser isir 27 ta' Diċembru, fil-Knisja Arċipretali. Qed isiru trattativi biex tali kunċert jiġi ffinanzjat mir-Reġjun Nofsinhar bl-għajnuna tas-Sindku.<br>• Terġa ssir il-bibita lill-mużiċisti bħala ringrazjament għal bandisti li jiġu dejjem volontarjament<br>• Isir kors tal-first aid fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm bżonn ta' dog bin fi Triq Hompesch. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isiru 3 'u' bars fi Triq Sant Andrija k/m Triq Bronja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issir parking bay għal persuni b'diżabilta fi Triq it-Tin. Kien hemm qbil li min iridha japplika għaliha.<br>• Biex isir dawl fi Triq it-Tin viċin is-central strip ma' Triq G M Callus<br>• Biex isiru flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq il-Qrendi. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 5.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni fuq dan:<br>• fi Triq il-Wied int hu nieżel lejn il-wied, hemm partijiet fuq il-bankina ta' periklu kbir li jeħtieġ li jsir ċint jew barriers. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titkellem mal-Ministru kkonċernat biex jgħin finanzjarjament mill-ministeru tiegħu.<br>• Għal din is-sena fil-maratona tal-10 ta' Novembru ser jieħdu sehem aktar minn 1,200. Ir-rotta ser tkun bħal ta' snin preċedenti. Din is-sena ser jiġu mtella ħafna ritratti tal-parteċipanti fuq fb, dejjem bil-logo tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. |
| | | |
| 5.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ġibed l-attenzjoni fuq dan:<br>• tifla miż-Żurrieq ħadet sehem f'konkors tal-kant u ġiet l-ewwel. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' rikonoxximent.<br>• Biex is-sleeping policeman li saru fi Triq il-Qrendi, jikbru għax saru qosra. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lil TM fuq dan u minħabba li tali sleeping policeman saru minn TM mingħajr il-permess tal-Kunsill.<br>• Biex jitressaq dog bin fi Triq Napuljun<br>• Biex jitneħħew it-tabelli temporanji tal-one way li saru fi Triq Napuljun, waqt il-festi. Kien hemm qbil biex jitneħħew.<br>• Persuna trid li ssir bankina wisa fi Triq San Bartilmew jew parkeġġ privat għaliha biex ħadd ma jipparkja quddiemha - Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Il-laqgħa li kellha issir għada fuq l-abbużi tad-drogi tħassret<br>• Ser issir attivita għat-tfal fi żmien il-Milied – it-tfal ser iħalsu għal dan il-party. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ser issir attivita għat-tfal f'Novembru - Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***5.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***5.5a*** | | ***Rapport Finanzjarju ta'kull kwart – it-Tielet kwart*** |
| | | |
| 5.5.1 | | Tressaq ir-rapport finanzjarju maħdum mill-accountant tal-kunsill, u ġie approvat. |
| | | |
| | | |
| ***5.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 5.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** L-iskrivana Marouska Zahra tat ir-riżenja tagħha mill-Kunsill Lokali fl-24 ta' Settembru, b'effett mil-1 ta' Ottubru, 2019. Ħafna mill-Kunsilliera ma qablux ma' dak li għamlet l-iskrivana, minħabba li l-ftehim kien li taħdem mal-Kunsill Lokali għal sena sħiħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet fix-xhur li damet xogħol tat servizz tajjeb ħafna u ma setgħetx iżżommha milli titlef opportunita ta' xogħol mhux b'kuntratt ma' kunsill ieħor.<br>***b)*** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand avukat, físem sid ta' sit fi Triq Filippu Farrugia li qed jallega li l-Kunsill għamel bit-tarmak triq u daħal fil-propjeta tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi avviċinat lill-avukat tal-Kunsill biex iwieġeb għal tali ittra bil-punt li l-Kunsill fis-sena 2011 kien għamel xogħol ta' tarmak fi triq, fuq dak li kien hemm eżistenti u ma għamel xejn oltre dak li kien hemm.<br>***c)*** Tranpsort Malta għamlet żewġ sleeping policeman fi Triq il-Qrendi, għalkemm il-Kunsill ma kienx qabel fuqhom. Residenti oħra talbu biex isiru żewġ sleeping policeman oħra – waħda viċin l-istatwa tar-ruħ u oħra fil-bidu tat-triq fejn tidjieq it-triq. Ma kienx hemm qbil.<br>***d)*** Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' propjeta fi Triq il-Waħx, li għandu bżonn jagħmel xi xogħol ta' bini fil-propjeta tiegħu u minħabba l-periklu tan-nies li jużaw it-triq, qed jitlob permess li jinbena ħajt fuq żewġ naħat b'tali mod li parti mit-triq tkun magħluqa. Qed tintalab li t-triq tkun magħluqa għal żmien xahar. Din il-persuna ġabet permess minn sid ta' għalqa li sidien ta' għelieqi oħra jistgħu jgħaddu mill-għalqa tiegħu, sakemm ikun qed isir ix-xogħol u firem tal-bdiewa li kienu lesti li jgħaddu minn tali triq alternattiva. Kien hemm qbil fuq dan.<br>***e)*** Il-Kunsill qed jintalab biex isiru 4 sleeping policeman oħra fi Triq Ħal Far – site plan mehmuża. Ma kienx hemm qbil.<br>f) Intalbet sleeping policeman fi Triq Vincenzo Caruana. Ir-residenti ma approvawx li titwaħħal quddiemhom. Ma kienx hemm qbil li ssir.<br>g) Ġiet avviċinata persuna li tifhem fix-xogħol tal-arbli tal-festa u spezzjonat l-arblu tal-uffiċċju tal-Kunsill u innuta li l-arblu jinsab f'kundizzjoni tajba. Kull m'hemm bżonn hu li jiddawwar b'aktar kavilji u fis-sajf issirlu manuenzjoni |

| | | |
|---|---|---|
| | | biex jibqa jinżamm fi stat tajjeb.<br>h) It-triq li tagħti għal tal-Ħniena tinsab bla isem. Ġie ssuġġeriet li l-isem tingħata – Triq il-Madonna tal-Ħniena.<br>i) Biex jiġu ordnati souviniers taż-Żurrieq, għal meta xi membru tal-Kunsill imur barra minn Malta, jirrappreżenta lill-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.<br>j) Intalbu żewġ sleeping policeman fi Triq l-Imqabba fejn sar tarmakk ġdid. Ma kienx hemm qbil.<br>k) Biex titneħħa parking bay li hemm fi Triq San Bartilmew k/m Triq 23 ta' Lulju. Kien hemm qbil li jitneħħa il-parkeġġ. |
| | | |
| | | |
| 5.6.2 | | Is-Sindku Rita Grima ġiet mistiedna biex issifer tirrappreżenta liż-Żurrieq ġo Giulianova post ġo Abruzzo ġewwa l-Italja, waqt tellieqa ta' 10k fejn fiha ser jipparteċipaw diversi atleti miż-Żurrieq Wolves.<br>Kien hemm qbil li s-Sindku tattendi, f'isem il-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx. |
| | | |
| 5.6.4 | | Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill u l-istaff issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru, wara s-seduta tal-Kunsill, f'iPlace M'Xlokk għall-prezz ta' 30Euro għal kull persuna. Ser ikunu mistiedna l-ħaddiema kollha li għandu miegħu l-Kunsill. |
| | | |
| 5.6.5 | | Is-Sindku qalet li ser tagħmel attivita għall-anzjani – Buffet Christmas Dinner fl-Alexandra Hotel. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***5.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 5.6a | | Dan l-item tqajjem f'punti preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***5.6b*** | | ***Laqgħa mal-Ispettur Roderick Attard*** |
| | | |
| 5.6b.1 | | L-ispettur reġa ma attendix għas-seduta. Din hi t-tieni darba li ġie mistieden u din id-darba lanqas informa li ma kienx er jattendi.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv niżżlet l-ilmenti li tat lill-ispettur qabel din is-seduta u infurmat li mill-ilmneti għadu ma ġie solvut xejn. L-ilmenti li għandu l-Kunsill u li tressqu lill-ispettur kienu dawn:<br>• vetturi pparkjati fi Sqaq il-Fjuri quddiem garaxxijiet<br>• vetturi pparkjati fi Sqaq il-Ħelu jimblukkaw sqaq<br>• fejn il-Mitħna tax-Xarolla – persuni qed ikunu fuq il-bankijiet jgħajtu<br>• Triq il-Qroll bankina ingumbrata b'injam fejn il-ħanut tal-forn<br>• 4 vetturi tal-hop on hop off, ipparkjati fl-akwata tal-Bebbux<br>• Parkeġġ ħażin fejn il-Convenience, Sphinx, Village Core<br>• Rimi ta' skart fi Triq Ħal Far viċin l-open centre.<br>• Pots jostakolaw bankina f' Misraħ Repubblika |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Trakk kbir abjad fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Espeditu Deguara jostakola l-vista tal-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Espeditu Deguara.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lis-Supretendent fuq dan u jistieden lilu jattendi għas-seduta li jmiss. |
| | | |
| ***5.6c*** | | ***PC0001/18 u PC0049/19*** |
| | | |
| 5.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ talbiet ta' żvilupp ta' bini fiż-Żurrieq. Waħda viċin il-ġnien tal-ġibjun u oħra wara Triq in-Nigret.<br><br>Fir-rigward ta' PC0001/18, il-Kunsill kien għamel l-oġġezzjoni tiegħu bl-għajnuna ta' persuna professjonali f'dan il-qasam. Fl-appell, telgħu joġġezzjonaw il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, flimkien ma waħda mil-impjegati tal-kunsill u resident fil-viċinanzi u l-oġġezzjoni ġiet milqugħa. Iċ-Chairman tal-PA qal li issa hemm ċans li l-iżviluppatur japplika għal proġett ieħor b'inqas sulari fl-istess sit. Il-Viċi Sindku qal li għalkemm il-perit tal-kunsillkien jaf bl-appuntament, xorta waħda ma telax.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll PC0049/19 li qed jintalab żvilupp ta' akwata kbira li jibda mill-Housing Estate ta' Bubaqra u jibqa sejjer kważi sa fuq wara il-Ġibjun. Hi qalet li l-Kunsill għandu sas-27 ta' Novembru biex joġġezzjona.<br>Persuni ssuġġerew li l-Kunsill jikteb biex il-permessi tal-bini jingħataw għal terraced houses bil-front garden u jitħalla spazzju għal green area. Iż-Żurrieq, ser jitlef l-identita tiegħu ta' raħal u jsir belt kollu appartamenti, barra li b'dan l-iżvilupp mhux ser ikun hemm distinzjoni bejn Bubaqra u n-Nigret. Dan l-iżvilupp ser joħloq konġestjoni fit-toroq l-oħra tal-madwar.<br>Dok 7 Mehmuż.<br><br>F'dan il-mument, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta biex il-Kunsill jkollu konsulent privat fuq dawn l-affarijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi taf b'persuna li tista tghin lill-Kunsill fuq dan, imma tali persuna ma tridx ħlas u għalhekk hi tiddejjaq dejjem tobbligha tati l-għajnuna tagħha.<br><br>Kien hemm qbil li l-persuna teknika li taf is-Segretarju Eżekuttiv tista tati l-għajnuna tagħha fuq dan il-każ u l-Kunsill joġġezzjona fuq dawn il-bażijiet.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għal dawn l-affarijiet għandu jitla l-perit tal-Kunsill. Mhux sew li f'affarijiet bħal dawn ma telgħax biex jgħin lill-Kunsill, u dan kollu l-kunsill għandu jżommu f'moħħu meta jiġi biex jaġġudika tender oħra fuq dan il-qasam. |
| | | |
| **5.6d** | | **CCTV FI VJAL IL-BLUE GROTTO** |
| | | |
| 5.6d.1 | | Is-Sindku qalet li wara li laqgħa li kellha mad-diriġenti tal-LESA, ġie mitkellem is-suġġett fuq CCTV fi Vjal il-Blue Grotto fl-akwata tal-ħwienet kantuniera ma' Triq l-Imqabba. Id-diriġenti tal-LESA ssuġġerew li s-CCTV tiġi mħallsa u |

| | | |
|---|---|---|
| | | installata mil-Kunsill u l-moniteraġġ isir u jitħallas mil-LESA.<br>Is-Sindku qalet li wara din il-laqgħa kellha appuntment ma' rappreżetant ta' kumpanija li tissuppixxi s-CCTVs. Marru fuq il-post u tali rappreżentant aċċerta li l-akwata kollha tal-madwar, tista tiġi ssorveljata b'cctv waħda u li r-residenti li oġġezzjonaw li ma jridux il-camera minħabba l-privatezza tal-propjeta tagħhom, ma kienux ser jiġu jidhru fil-moniteraġġ.<br>L-istima li nġabret hi ta' 1,369.17Euro.<br><br>Sadanittant ir-Reġjun Nofsinhar, qal li ser joffri żewġ cctvs lil kull Kunsill tar-reġjun u l-LESA lesta li toffri s-servizz tagħha fejn jidħol taħrikiet. Kien hemm qbil fuq dan u li s-cctv l-oħra tkun imwaħħla fi Ġnien il-Ġibjun. |
| | | |
| **5.6e** | | **Ilmenti mqajma fil-laqgħa annwali** |
| | | |
| 5.6e1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ilmenti li tqajmu waqt il-laqgħa annwali dok 1 mehmuż. |
| | | |
| | | |
| ***5.6f*** | | ***Tender - Street Furniture*** |
| | | |
| 5.6f1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' offerenti li tefgħu l-prezzijiet tagħhom għat-tender Supply of various street furnitrue and ancillaries.<br><br>Proman 44,525.76Euro<br>360 47,114.70Euro<br>Mario Mallia 21,797.60Euro<br>Micra Med 38,519.05Euro<br><br>Kien hemm qbil li ġaladarba l-offerenti kollha kellhom id-dokumenti kollha meħtieġa, joħodha l-orħos offerent Mario Mallia. |
| | | |
| | | |
| ***5.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 5.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tas-seduta numru 24 u 25 u tal-Gal Xlokk 96/97. |
| | | |
| 5.7.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto kumitat Tfal u żgħażagħ, immexxija mill-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***5.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 5.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta'**€63,716.31.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Kaydem Schembri u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***5.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 5.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' NOVEMBRU, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _20__ ta' NOVEMBRU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**